MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 458/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta:

Illi huwa zzewweg mal-intimata fl-erbgha ta' Marzu elf disa' mija u disgha u sittin (04/03/1969) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel K li llum ghandu tlieta u erbghin sena;

Illi huma sseparaw personalment kif jirrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Attard tad-disgha u ghoxrin ta' Awissu elf disa' mija u hamsa u disghin (29/08/1995) u skont dan il-kuntratt huwa obbligat li jhallas lill-mara tieghu manteniment ta' wiehed u tmenin Euro u tlieta u hamsin

centezmu (€81.53) fil-gimgha liema manteniment ghandu qed jithallas regolarment;

Illi minn dak iz-zmien sallum ma sehhet l-ebda rikonciljazzjoni u mhux probabbli li tali rikonciljazzjoni ssehh stante wkoll illi l-esponenti qieghed f'relazzjoni ma persuna ohra;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronuzja d-divorzju bejn il-partijiet taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Awissu, 1995 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minnu lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------